

Il-Ħamis 29 ta' Marzu 2012

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI

EMENDA

Emenda 28**Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

Bil-għan li jevalwaw l-effettività ta' din is-sistema ta' kooperazzjoni amministrattiva fl-infurzar tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tas-sisa u jiġġieldu l-evazzjoni u l-frodi fir-rigward tad-dazji tas-sisa, l-Istati Membri **jistgħu** jikkomunikaw lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni disponibbli barra dik l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Bil-għan li jevalwaw l-effettività ta' din is-sistema ta' kooperazzjoni amministrattiva fl-infurzar tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tas-sisa u jiġġieldu l-evazzjoni u l-frodi fir-rigward tad-dazji tas-sisa, l-Istati Membri **għandhom** jikkomunikaw lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni disponibbli barra dik l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Emenda 29**Proposta għal regolament
Artikolu 37**

Kull **ħames** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovdata mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Kull **tliet** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovdata mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2013

P7_TA(2012)0109

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Marzu 2012 dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2013 (2012/2006(BUD))

(2013/C 257 E/22)

Il-Parlament Ewropew,,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽¹⁾ tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2012 dwar il-linji gwida għall-proċedura tal-baġit 2013 – Taqsimiet I, II, IV, V, VI, VII, VIII, IX u X ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali lill-Bureau bl-għan li jitħejja l-abbozz preliminari tal-estimi tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2013,
- wara li kkunsidra l-abbozz preliminari tal-estimi mħejji mill-Bureau fit-12 ta' Marzu 2012 skont l-Artikoli 23(7) u 79(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,
- wara li kkunsidra l-abbozz preliminari tal-estimi mħejji mill-Kumitat għall-Baġits skont l-Artikolu 79(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 79 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.⁽³⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0050.

Il-Ħamis 29 ta' Marzu 2012

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0062/2012),
- A. billi l-limitu massimu għall-Intestatura 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali (MFF) għall-baġit tal-Unjoni fl-2013 huwa EUR 9 181 miljun bi prezzijiet attwali ⁽¹⁾,
 - B. billi l-adeżjoni tal-Kroazja se jkollha impatt fuq il-baġit tal-2013 tal-Parlament, jiġifieri fir-rigward tar-riżorsi għall-Membri l-ġodda u r-reklutaġġ ta' persunal;
 - C. billi, fil-kuntest ta' piż qawwi ta' dejn pubbliku u ta' rażan fi żminijiet ta' sforzi nazzjonali kontinwi għall-konsolidazzjoni baġitarja, il-Parlament għandu juri responsabbiltà u rażan baġitarju, filwaqt li jieħu nota tal-ittra datata 23 ta' Jannar 2012 mill-Kummissarju Lewandowski lill-Presidenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;
 - D. billi huwa partikolarment importanti li l-Kumitat għall-Baġits u l-Bureau ikompli l-kooperazzjoni mtejba permezz tal-proċedura tal-baġit annwali skont l-Artikoli 23 u 79 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament;
 - E. billi l-prerogattivi tal-plenarja fl-adozzjoni ta-estimi u tal-baġit finali se jinżammu għalkollox skont it-Trattat u r-Regoli ta' Proċedura;
 - F. billi l-laqgħat ta' prekonċiljazzjoni u ta' konċiljazzjoni bejn delegazzjonijiet tal-Bureau u tal-Kumitat għall-Baġits saru fis-6 ta' Marzu u fit-13 ta' Marzu 2012;

Il-qafas ġenerali u l-baġit globali

1. Jilqa' l-kooperazzjoni tajba bejn il-Bureau u l-Kumitat għall-Baġits matul il-proċedura baġitarja attwali u l-ftehim milħuq waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni tat-13 ta' Marzu 2012;
2. Jemmen li l-postijiet tax-xogħol tal-Parlament għandhom ikunu limitati għal post wieħed għall-Membri u l-uffiċjali; jistieden lill-Kunsill biex jikkunsidra t-talbiet li l-Parlament u ċ-ċittadini tal-Unjoni diġà esprimew f'bosta okkażjonijiet dwar il-ħtieġa li tiġi stabbilita sede waħda għall-Membri u għall-uffiċjali, imtennija ulterjorment fil-paragrafu 7 tar-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2012 dwar il-linji gwida tal-proċedura tal-baġit tal-2013, taqsimiet għajr il-Kummissjoni;
3. Jinnota li l-livell tal-abbozz preliminari tal-estimi għall-baġit 2013, kif issuġġerit mis-Segretarju Ġenerali fir-rapport tiegħu lill-Bureau, jammonta għal EUR 1 768 731 441; jinnota li r-rata suġġerita ta' żieda hija 2,96 % aktar mill-baġit 2012;
4. Jilqa' l-isforzi li saru għall-preżentazzjoni ta' estimi realistiki u jirrikonoxxi l-fatt li l-Bureau lest jadotta aktar miżuri ta' ekonomija meta mqabbla mal-livell oriġinali suġġerit fir-rapport tas-Segretarju Ġenerali; jenfasizza li l-oġettiv ta' kull negozjati baġitarji għandu jkun li tinkiseb l-akbar effiċjenza possibbli; skont il-ftehim milħuq mill-Bureau u l-Kumitat għall-Baġits fil-laqgħa ta' konċiljazzjoni tat-13 ta' Marzu 2012, jiffissa l-livell kumplessiv tal-abbozz tal-estimi għall-2013 għas-somma ta' EUR 1 759 391 671, i tikkorrispondi għal rata ta' żieda ta' 1,9 % fuq il-baġita tal-2012, bl-esklużjoni tal-ispejjeż tat-tkabbir għall-adeżjoni tal-Kroazja; jinsisti aktar fuq il-ħtieġa ta' kontroll baġitarju strett, kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat għall-Baġits u l-identifikazzjoni ta' ekonomiji oħra possibbli matul din i-proċedura talo-baġit;

Kwistjonijiet speċifiċi

5. Jilqa' l-ekonomiji suġġeriti bi rbit mal-ivvjaġġar tal-persunal u riallokazzjonijiet fl-organigramma;
6. Jilqa' l-iffrankar issuġġerit ta' madwar EUR 3.5 miljun f'konnessjoni mal-assistenza parlamentari fir-rapport tas-Segretarju Ġenerali lill-Membri tal-Bureau dwar l-Abbozz Preliminari tal-Estimi għas-sena finanzjarja 2013; jinnota li dan l-iffrankar jikkunsidra l-eżitu tan-nefqa ta' din il-linja baġitarja fl-2011;
7. Jinnota pjanijiet għal kampanja ta' informazzjoni għall-elezzjonijiet tal-2014; jirrikjedi tagħrif addizzjonali fi żmien xieraq;

⁽¹⁾ Il-limitu massimu tal-Intestatura 5 jinkludi l-kontribuzzjoni tal-persunal għall-iskema tal-irtirar.

Il-Ħamis 29 ta' Marzu 2012

8. Jilqa' l-inizjattiva tas-Segretarju Ġenerali meħuda fl-2011 li tipproponi r-riorganizzazzjoni tal-attivitajiet ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni; jemmaen li din l-inizjattiva se twassal għal iffrankar sinifikanti fil-baġit 2012 u jitlob li din l-inizjattiva titkompla fl-2012; jiddefendi madankollu l-prinċipju tal-multilingwiżmu u jenfasizza n-natura unika tal-Parlament fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' interpretazzjoni u ta' traduzzjoni; barra minn hekk jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni interistituzzjonali f'dan il-qasam;

9. Iħeġġeġ lill-amministrazzjoni tippreżenta valutazzjoni indipendenti tal-baġit tal-Parlament bl-għan li jiġi identifikat iffrankar fil-linji baġitarji kollha u jhegghiha tippreżenta din il-valutazzjoni lill-Kumitat għall-Baġits sa mhux aktar tard minn Settembru 2012; għal dan il-għan, ifakkar lis-Segretarju Ġenerali u lill-Bureau dwar it-talba tiegħu għal aġġornament tar-rapport tas-Segretarju Ġenerali għall-2002 lill-Bureau rigward l-ispejjeż sabiex jinżammu it-tliet postijiet ta' xogħol; ifakkar lis-Segretarju Ġenerali u lill-Bureau dwar it-talba tiegħu li mill-aktar fis possibbli jiġi stabbilit grupp ta' ħidma; iqis li dan il-grupp għandu jiddiskuti inter alia l-konklużjonijiet tar-rapport mitlub rigward l-ivvjaġġar tal-Membri, li għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2012, ir-riżultati ta' studju kumparattiv bil-baġits ta' kampjun rappreżentattiv tal-parlamenti tal-Istati Membri u bil-baġit tal-Kungress tal-Istati Uniti u l-finanzjament tal-politika tal-bini; ifakkar li l-konklużjonijiet li jasal għalihom il-grupp għandhom jiġu implimentati mingħajr dewmien;

10. Jitlob rapport dwar l-ekonomiji milħuqa waqt l-implimentazzjoni i tal-baġit tal-2012, flinja waħda mas-sejħiet għall-ekonomiji espressi fil-pożizzjoni tagħha tas-26 ta' Ottubru 2011 dwar l-abbozz ta' baġit tal-2012 kif emendat mill-Kunsill - it-Taqsimiet⁽¹⁾ kollha; jistenna li dan ir-rapport jiġi kkomunikat lill-Kumitat għall-Baġits mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2013;

11. Jenfasizza r-rieda tiegħu li jikkontribwixxi b'mod attiv għaż-żamma tad-dixxiplina baġitarja billi jiffriża l-linji baġitarji kollha relatati mal-ivvjaġġar u billi ma jindiciżzax l-allowances individwali tal-Membri sa tmiem il-leġislatura;

12. Jinnota ż-żieda fl-attivitajiet tal-membri f'xogħol mhux legiſlattiv kif stipulat fir-Regoli ta' Proċedura li timpenja ammont kunsiderevoli tar-riżorsi tal-Parlament u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni oħrajn; jitlob lill-Bureau u lis-Segretarju Ġenerali jwettqu analiżi ta' dan il-fatt qabel l-adozzjoni tal-baġit tal-Parlament għall-2013 u jippreżentaw għażliet dwar kif dan il-piż miżjud jista' jiġi limitat;

13. Huwa tal-opinjoni li għandha titqies riorganizzazzjoni ulterjuri tal-metodi ta' ħidma tal-Parlament; itenni li jista' jsir iffrankar sostanzjali jekk ikun hemm sede waħda għall-Parlament; jenfasizza li l-Parlament għandu jkollu d-dritt jiddeċiedi l-arranġamenti ta' ħidma tiegħu; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jimplimenta reviżjoni possibbli tal-kalendarju għal-laqqhat tal-kumitati u l-missjonijiet tad-delegazzjonijiet; barra minn hekk, jistieden lis-Segretarju Ġenerali jeżamina opportunitajiet ulterjuri possibbli għal iffrankar rigward id-delegazzjonijiet; jekk dawn il-bidliet jistgħu jiġu implimentati fl-2012, jitlob li l-amministrazzjoni tipprovdi lill-Kumitat għall-Baġits id-dettalji tal-iffrankar iġġenerat fl-2012 f'dawn l-oqsma;

14. Jinnota l-livell għoli ta' approprjazzjonijiet proposti għall-kontinwazzjoni tal-istrateġija multiannwali tal-ICT; jifhem li jistgħu jgħaddu bosta snin qabel ma l-proġetti li qed jitwettqu bħalissa jitlestew; jilqa' t-tnedija tal-programm e-committee; jifhem li skema pilota għall-programm e-meetings għaddejja bħalissa; jitlob iktar informazzjoni dwar l-ispejjeż possibbli ta' dan il-programm u meta se jkun implimentat għal-kollox; jitlob li ssir analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-proġett tal-laqqhat mingħajr karti, liema analiżi għandha tiġi ppreżentata lill-Kumitat għall-Baġits; jinkoraġġixxi lill-amministrazzjoni tiegħu biex ikollha politiki li jippermettu lill-Membri jużaw għodda effikaċi bbażata fuq it-teknoloġiji l-ġodda u tappoġġa l-proċess legiſlattiv b'mod aktar effikaċi, b'mod partikolari billi tiżgura li s-Sistema ta' Ġestjoni tal-Għarfien tibda tħalli l-frott; bl-istess mod jitlob li jsir aktar użu tal-vidjokonferenzi, li jistgħu jkomplu jnaqqsu l-ispejjeż tal-ivvjaġġar sew tal-Membri kif ukoll tal-persunal;

15. Jinnota li l-ħolqien ta' Direttorat għall-appoġġ għad-demokrazija għandu l-għan li jtejjeb is-sinerġija bejn id-diversi servizzi interni li jittrattaw kwistjonijiet relatati mad-demokrazija; jistenna li d-deċiżjoni meħuda tagħmel l-organizzazzjoni tas-servizzi aktar trasparenti, koerenti u effiċjenti; jinsisti li din ir-riorganizzazzjoni tas-servizzi għandha tkun newtrali għall-baġit;

(1) Testi adottati, P7_TA(2011)0461.

Il-Ħamis 29 ta' Marzu 2012

16. jinnota l-kundizzjonijiet imfissra fir-regolament dwar il-finanzjament tal-partitit politiċi⁽¹⁾; huwa mħasseb li l-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-prinċipji tal-libertà, id-demokrazzja, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, kif ukoll l-istat ta' dritt, mhumiex qed ikunu rispettati għalkollox; jinsisti li l-għoti ta' finanzjament tal-Parlament Ewropew għandu jsir biss lil dawk il-partiti li rigirożament jirrispettaw il-prinċipji li fuqhom tissejjes l-Unjoni u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jitlob għaldaqstant li r-regoli jiġu riveduti f'dan is-sens;

17. Meta jitqiesu l-livelli ta' eżitu tal-2011 u tal-2010 u r-restrizzjonijiet baġitarji meħtieġa fi żmien ta' kriżi, jemmen li l-appropriazzjonijiet kollha relatati mal-infiq ta' rappreżentazzjoni għas-sena baġitarja 2013 għandhom jiġu ffriżati u jinżammu taħt kontroll strett;

18. Jinnota li, skont il-qbil milħuq fil-laqgħa ta' konċiljazzjoni tat-13 ta' Marzu 2012 bejn il-Bureau u l-Kuiat għall-Baġits, ir-riserva ta' EUR 3 miljun għal proġetti prijoritarji ffazi ta' żvilupp (Kapitolu 10 6) ġiet irtirata mill-estimi;

19. Jinnota li l-livell ta' appropriazzjonijiet proposti fl-abbozz preliminari tal-estimi għar-riserva tal-EMAS żdiedu sostanzjalment meta mqabbel mal-livell tal-2011; jitlob spjegazzjoni dettaljata għal din iż-żieda mhux aktar tard minn Awwissu 2012;

Il-binjiet

20. Jagħraf li l-proġett tal-KAD huwa biċċa xogħol sinifikanti għall-Parlament, li jrid jirrazzjonalizza l-amministrazzjoni tal-Parlament fil-Lussemburgu ħalli jinkisbu s-sinerġiji; huwa mħasseb li dewmien ulterjuri fil-proġett jistgħu jwasslu għal spejjeż addizzjonali sinifikanti; jitlob għaldaqstant li lill-Kumitat tal-Baġits jiġu kkomunikati mill-aktar fis tagħrif aġġornat li jispeċifika l-iskeda ta' żmien tal-proġett sat-tlestija tiegħu (prevista għal mhux aktar tard mill-2017) l-evoluzzjoni tal-kost stmata tal-proġetti KAD I u KAD II mill-2008 'l hawn imqabbla mal-estimi oriġinali, il-progress tax-xogħol fuq il-proġett u kwalunkwe żvilupp mhux mistenni; jemmen li l-holqen ta' karigi ġodda speċifiċi għal-proġett għandhom isiru f'bilanċ tajjeb bejn karigi llimitati għad-duratura tal-proġett u oħrajn maħsuba fuq bażi permanenti; barra minn hekk jenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu t-tibdiliet u jinsisti li jiġi kkonsultat qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni dwar żieda tal-finanzjament tal-proġett u dwar il-ħoqien ta' karigi ġodda.

21. Jilqa' r-reviżjoni tal-ispejjeż operazzjonali tad-Dar tal-Istorja Ewropea; jieħu nota li l-baġit 2013 se jara żieda sostanzjali fil-finanzjament tagħha meta jitqies il-fatt li l-inawgurazzjoni hija prevista għall-2014; huwa mħasseb dwar l-istima tal-ispejjeż tal-iżvilupp u jitlob għalhekk konfomità stretta mal-ispejjeż minimi u li ma jinqabżux iċ-ċifri stabbiliti fl-estimi; jemmen li l-Parlament għandu jfittex sorsi ta' finanzjament possibbli oħrajn minbarra l-baġit tiegħu stess; barra minn hekk, b'referenza għall-ittra mill-President tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Settembru 2011, jistenna li ftehim konkret dwar il-kofinanzjament tal-ispejjeż operazzjonali jiġi ffirmat sa mhux aktar tard minn Awwissu 2013;

22. Jinnota li l-estimi jitlobu żieda ta' 22 % meta mqabbel mal-2012 għall-implimentazzjoni ta' "politika msaħħa ta' manutenzjoni"; jitlob aktar dettalji mis-Segretarju Ġenerali fir-rigward ta' din il-politika u dwar kif se jintużaw l-appropriazzjonijiet proposti; jifhem il-ħtieġa li ċertu bini jiġu rinnovat; jitlob madankollu iktar informazzjoni dettaljata dwar il-kalendarju u l-ispejjeż tal-politika ta' rinnovazzjoni;

*

* *

23. Jadotta l-estimi għas-sena finanzjarja 2013;

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u l-estimi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi fl-livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom (ĠU L 297, 15.11.2003, p. 1).